V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11067 – HG / EFMS / TRUSTQUAY / VIEWPOINT)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 136/03)

1. Fil-11 ta' April 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— HgCapital LLP ("Hg", ir-Renju Unit),

— EQT Fund Management S.à r.l. ("EFMS", il-Lussemburgu), proprjetà kollha kemm u kkkontrollata minn EQT AB,

— Tanqueray Topco Limited ("TrustQuay", Jersey), finalment ikkontrollata minn Hg,

— Viewpoint Software Holding Pte Ltd ("Viewpoint", Singapore), finalment ikkontrollata minn EFMS.

Hg u EFMS se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' TrustQuay u Viewpoint.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Hg huwa investitur fin-negozji tas-software u tas-servizzi, b'enfasi fuq l-Ewropa u l-Istati Uniti tal-Amerka.

— EFMS hija l-maniġer ta' fond ta' investiment alternattiv ta' BPEA Private Equity AsiaEQT Mid-Market Growth SCSp ("Fond MMG"), fond ta' investiment privat li jfittex li jagħmel investimenti primarjament fir-reġjun tal-Asja tal-Paċifiku f'diversi setturi.

— TrustQuay, hija fornitur tat-teknoloġija tas-software tal-ġestjoni tal-entitajiet fiduċjarji, il-forniturи ta' servizzi korporattivi u ta' fondi.

— Viewpoint hija fornitur ta' software għall-ġestjoni tal-entitajiet użat minn forniturи ta' servizzi fiduċjarji, korporattivi u ta' amministrazzjoni ta' fondi, ditti legali offshore, u korporattivi biex jaħżnu u jimmaniġġaw *data* amministrattiva relatata ma' entitajiet ġuridiċi korporattivi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11067 – HG / EFMS / TRUSTQUAY / VIEWPOINT

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussels
BELGIQUE/BELGIË

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.